**MINUTI**

## Laqgħa tar-Reġjun Ċentru

## Laqgħa Nru. 70/2016

Data: l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

Preżenti:
Michael Fenech Adami – *President*
Stefan Cordina– *Viċi President*
Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*
Dorian Sciberras– *Viċi Sindku l-Iklin*
Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*
Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*
Andre Grech – *Viċi* Sindku *Hal Balzan*
Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*

Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*
Keith Tanti – *Sindku tal-Pieta'*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*
Maximillian Zammit – *Sindku ta' Xbiex*
Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*

Assenti: *Hadd*

---

'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Gwann SGN 1660
Tel: +356 21374378 Fax: +356 21374367

# AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-*Audited Finanicial Statements;* u

2. Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report.*

## Minuti - 70/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

# 1. Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements

**Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements**

**1.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lil-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri sabiex jagħti spjegazzjoni lill-membri dwar l-*Audited Financial Statements*.

Is-Sur Brendan Camilleri spjega kif wieħed ser jara telf kbir fit-tieni paġna tar-rapport però dan għaliex dan l-ammont kellu jitpoġġa fir-raba' paġna peress li l-ammont jikkonċerna l-flus li kienu tqassmu lill-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun. Dawn kienu qed jidhru bħala telf meta dawn ma kinux.

Is-Sur Camilleri żied jgħid li t-telf huwa l-*provision of bad debts* li ma jkunux tħallsu sal-2013. Però kull pagament li jirċievi r-Reġjun, din tiġi mmarkata bħala *recovered*.

Is-Sur Camilleri spjega li ma kienx hemm tibdiliet kbar li ġibdu l-attenzjoni fuqhom l-awdituri.

Is-Sur Camilleri qal li dan kien l-aħħar rapport li hu pprepara f'isem il-kumpanija Nexia BT peress li l-aħħar tender ma kinitx intrebħet mill-kumpanija.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, staqsa jekk dawn ir-rapporti rawhomx l-awdituri.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li dan huwa l-aħħar rapport skont l-aġġustamenti ssuġġeriti mill-awdituri ta' Mazars. Jekk ikun hemm approvazzjoni ta' dawn ir-rapporti, dawn jintbagħtu għand l-awdituri sabiex jintbagħat ir-rapport għal *management letter*.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet xi jsiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li kopja ta' dan ir-rapport intbagħat lil kull membru permezz ta' e-mail malli r-rapport finali kien lest mill-accountant. Kull membru seta' jaqra d-dokument u dawk li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa, setgħu jibgħatu l-mistoqsijiet tagħhom b'email.

Is-Sinjura Galea żiedet tgħid li ma kien hemm l-ebda korrispondenza

dwar dan.

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra.

Ir-Rapport ġie approvat unanimament mill-membri preżenti fuq proposta tal-Viċi President u s-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Kunsillier ta' San Gwann, is-Sur Dominic Cassar.

## 2. Quarterly Financial Report – Jannar sa Marzu 2016

**Quarterly Financial Report**

**2.1** Peress li l-Accountant il-ġdid, is-Sur Daniel Galea, kien għadu f'laqgħa oħra u peress li kien hemm xi membri li ma setgħux jibqgħu għal din il-laqgħa, kien hemm qbil sabiex dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 3. Tmiem

3.3 Il-Laqgħa ġiet fit-tmiem fil-5:30pm.

**Michael Fenech Adami**
*President*

**Jeanette Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **16 ta' Ġunju 2016**